

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bayer Healthcare LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Novembru 2009 — Apollo Group vs UASI (THINKING AHEAD)

(Kawża T-473/08)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali THINKING AHEAD — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta’ karattru distintiv (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 29, 37)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-14 ta' Awwissu 2008 (Każ R 728/2008-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali THINKING AHEAD bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Apollo Group, Inc.
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali THINKING AHEAD għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16 u 41
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Talba parzjalment miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Apollo Group, Inc., hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Novembru 2009 —
Hansen vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-295/09 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”

Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba li ma għadx għandha skop — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni (Artikolu 242 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 3, 4)